

# Ġ 5.1 IT-TURIŻMU

**Ġ5.1.1.**
Niddiskutu għaliex it-turiżmu huwa importanti għalina l-Maltin.

## A. L-Importanza tat-Turiżmu.

Kull sena, fil-gżejjer Maltin jiġu għadd kbir ta' turisti. Għalkemm aħna gżejjer żgħar f'nofs il-Baħar Mediterran għandna storja u kultura antika mżewqa bi tradizzjonijiet uniċi, kif ukoll baħar mill-isbaħ. Dawn jiġbdu bosta turisti minn postijiet differenti tad-dinja.



**Ejjew naraw dan il-video clip flimkien:**
[http://youtu.be/Y9LMs7w3wvQ](http://youtu.be/Y9LMs7w3wvQ)

## B. Minn fejn jiġu t-turisti?

**Ħarsu sew lejn l-ewwel żewġ tabelli.**



## 6 Main Source Markets

### Tourism Indicators by Main Source Market

| | 2011 | 2012 | 2013 | Change 2013/12 |
|---|---|---|---|---|
| **Inbound Tourists** | | | | |
| Austria | 19,647 | 19,827 | 25,739 | 29.8% |
| Belgium | 31,742 | 27,279 | 28,948 | 6.1% |
| France | 103,629 | 107,893 | 116,533 | 8.0% |
| Germany | 134,306 | 137,500 | 147,110 | 7.0% |
| Ireland | 26,886 | 27,731 | 30,224 | 9.0% |
| Italy | 201,774 | 202,200 | 233,777 | 15.6% |
| Libya | 6,273 | 17,217 | 34,621 | 101.1% |
| Netherlands | 38,897 | 39,191 | 41,486 | 5.9% |
| Russia | 24,191 | 31,563 | 40,048 | 26.9% |
| Scandinavia | 93,783 | 97,363 | 105,068 | 7.9% |
| Spain | 63,088 | 60,223 | 53,278 | -11.5% |
| Switzerland | 25,046 | 25,758 | 28,702 | 11.4% |
| United Kingdom | 438,783 | 441,275 | 454,659 | 3.0% |
| USA | 16,499 | 18,027 | 19,502 | 8.2% |
| Other | 190,475 | 190,368 | 222,457 | 16.9% |
| **Total tourists** | **1,415,018** | **1,443,414** | **1,582,153** | **9.6%** |

**Wieġeb billi tikteb VERU jew FALZ dwar it-Turiżmu.**

1. F'Malta, jiġu iktar turisti mill-Ewropa milli mill-Afrika. _______
2. F'Malta jiġu iktar turisti mir-Renju Unit milli mir-Russja. _______
3. Jiġu iktar turisti mill-Istati Uniti (USA) milli mill-Ġermanja. _______
4. Mill-Italja jiġu iktar minn 200,000 turist kull sena. _______
5. Jiġi iktar turisti Ġermaniżi milli Taljani. _______
6. Jiġu iktar turisti Franċiżi mill-Amerikani (USA) _______

**Ċ. Kompli wieġeb billi tikteb VERU jew FALZ.**

1. Li nafu nitkellmu bl-Ingliż jgħinna niġbdu lejna ħafna turisti. _______
2. Meta jkunu Malta, bosta turistu jitkellmu magħna bil-Malti. _______
3. It-Tempji Megalitiċi huma popolari ħafna mat-turisti. _______
4. Il-baħar huwa attrazzjoni turistika mill-aqwa. _______
5. Li ma nħammġux barra hija mġiba pożittiva li tgħin lit-turiżmu. _______

6. It-turisti jonfqu ħafna flus meta jiġu Malta. _______
7. Jaqblilna meta ma jiġux ħafna turisti u noqogħdu bi kwietna. _______
8. Kważi kull turist li jiġi Malta jżur il-Belt Valletta. _______
9. It-turisti li jiġu Malta jgħaddu l-iktar mill-ajruport jew mill-Port il-Kbir. _______
10. Mat-turisti għandna nużaw dejjem il-kortesija. _______

## D. Aqra imbagħad wieġeb.

Fir-ritratt jidher vapur qiegħed jagħmel il-vjaġġ bejn Malta u Għawdex. Bosta turisti jħobbu jżuru l-gżira t'Għawdex meta jkunu għall-vaganzi tagħhom hawnhekk.




### Fejn imorru joqogħdu t-turisti?

Pengi l-postijiet minn dawn li ġejjin, fejn iħobbu jmorru joqogħdu t-turisti meta jiġu Malta.

| | | | |
|---|---|---|---|
| TAS-SLIEMA | ĦAL QORMI | ĦAL KIRKOP | MARSASCALA |
| IS-SIĠĠIEWI | BUĠIBBA | IL-MOSTA | MARSALFORN |
| SANTA LUĊIJA | ĦAD-DINGLI | XLENDI | ĦAŻ-ŻEBBUĠ |

## E. Aqta' sing taħt it-tweġiba l-ĦAŻINA.

1. It-turisti jiġu fil-gżejjer Maltin biex (igawdu x-xemx u l-baħar, jiddevertu u jistrieħu, jaħdmu u jagħtu servizz, iżuru postijiet storiċi u preistoriċi).

2. Meta jżuru l-gżejjer Maltin, it-turisti jistennew (kumdità, prezzijiet għoljin, indafa, imġiba tajba).

**F. Immaġina li inti turist jew turista u għażilt il-gżira ta' Malta bħala post li tixtieq iżżur biex tqatta' l-vaganzi tiegħek.**

Ikteb ŻEWĠ sentenzi biex turi:

a) ir-raġunijiet għal din l-għażla tiegħek

______________________________________________

______________________________________________

b) is-servizz li qed tistenna li jingħatalek waqt din iż-żjara.

______________________________________________

______________________________________________

**Ġ. X'jiġbed it-Turisti?**

Iddisinja poster jew riklam għal btala f'Malta.

X'se tinkludi fih dan il-poster jew riklam biex tħeġġeġ il-barranin jiġu vaganza f'Malta?

